IL-PARLAMENT EWROPEW

**DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-POLITIKI INTERNI TAL-UNJONI**

**DIPARTIMENT GĦALL-POLITIKI B: POLITIKI STRUTTURALI U TA' KOEŻJONI**

**SAJD**

# IS-SAJD GĦALL-GAMBLI KANNELLA FIL-BAĦAR TAT-TRAMUNTANA

## SOMMARJU EŻEKUTTIV

Dan id-dokument intalab mill-Kumitat għas-Sajd tal-Parlament Ewropew.


**AWTURI**

A.N.D. International (Dominique AVIAT, Cecile DIAMANTIS)

Johann Heinrich von Thünen-Institut (Thomas NEUDECKER, Jörg BERKENHAGEN, Milan MÜLLER)

**AMMINISTRATUR RESPONSABBLI**

Jesús IBORRA MARTIN

Id-Dipartiment tal-Linji Politiċi Politiki Strutturali u ta' Koeżjoni

Parlament Ewropew

Indirizz elettroniku: ipoldepb@europarl.europa.eu



**ASSISTENZA EDITORJALI:**

Virginija KELMELYTE

**VERŻJONIJIET LINGWISTIĊI**

Oriġinal: EN

Traduzzjonijiet: DE, ES, FR, IT, PT

Sommarju Eżekuttiv: BG, CS, DA, DE, EL, EN, ES, ET, FI, FR, HU, IT, LT, LV, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SL, SV.

**DWAR L-EDITUR**

Biex tikkuntattja lid-Dipartiment tal-Linji Politiċi jew biex tabbona għan-newsletter tiegħu li toħroġ kull xahar, jekk jogħġbok ikteb lil:

poldep-cohesion@europarl.europa.eu

Il-manuskritt tlesta fi Frar 2011.



Brussell, © Parlament Ewropew, 2011.



Dan id-dokument huwa disponibbli fuq l-Internet fl-indirizz:

http://www.europarl.europa.eu/studies



**DIKJARAZZJONI TA' ĊAĦDA**

Il-fehmiet espressi f'dan id-dokument huma r-responsabilità unika tal-awtur(i) u mhux bilfors jirrappreżentaw il-pożizzjoni uffiċjali tal-Parlament Ewropew.

Ir-riproduzzjoni u t-traduzzjoni għal skopijiet mhux kummerċjali huma awtorizzati, sakemm is-sors jiġi rikonoxxut u l-pubblikatur jingħatalu avviż minn qabel u tintbagħatlu kopja.

IL-PARLAMENT EWROPEW

**DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-POLITIKI INTERNI TAL-UNJONI**

**DIPARTIMENT GĦALL-POLITIKI B: POLITIKI STRUTTURALI U TA' KOEŻJONI**

**SAJD**

# IS-SAJD GĦALL-GAMBLI KANNELLA FIL-BAĦAR TAT-TRAMUNTANA

## SOMMARJU EŻEKUTTIV


**Sommarju**

L-għan tal-istudju huwa li l-Membri tal-Kumitat għas-Sajd tal-Parlament Ewropew jkollhom deskrizzjoni ċara tas-sajd għall-Gambli Kannella (*Crangon crangon*) tal-Baħar tat-Tramuntana u tas-swieq tagħhom fil-Pajjiżi l-Baxxi, il-Ġermanja u d-Danimarka.

L-istħarriġ huwa maħsub li jkun dokument ta' informazzjoni. Huwa jindirizza l-kwistjonijiet tal-produzzjoni (ir-relevanza ekonomika u soċjali tal-produzzjoni, il-profitti tal-flotot, l-impatti ambjentali) kif ukoll il-kwistjonijiet tal-kummerċjalizzazzjoni (l-organizzazzjoni tal-industrija, l-irwol tal-grossisti u l-proċessuri ewlenin, il-prezzijiet u l-marġni fis-settur) u jiddeskrivi l-applikazzjoni tal-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq għall-gambli kannella.



**IP/B/PECH/IC/2010_102** **April 2011**

**PE 460.041** **MT**

# SOMMARJU EŻEKUTTIV

## Sfond

Is-settur tal-gambli kannella attwalment jixraqlu attenzjoni partikolari għal minn tal-inqas erba' raġunijiet:

- l-importanza ekonomika u soċjali tas-settur: fi tliet Stati Membri (il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Ġermanja u d-Danimarka), li jirrappreżentaw 95% tat-total tal-produzzjoni tal-gambli kannella tal-Baħar tat-Tramuntana, l-industrija tas-sajd għandha importanza ekonomika u soċjali sinifikanti (hemm aktar minn 500 bastiment tas-sajd involuti);
  Is-sajd għall-gambli kannella għandu tradizzjoni twila u valur ekonomiku konsiderevoli fis-settur tas-sajd ta' dawn il-pajjiżi; barra minn hekk, huwa għandu rwol sinifikanti għat-turiżmu u l-identità tar-reġjuni kkonċernati.

- id-dibattitu soċjali u ekoloġiku: organizzazzjonijiet tan-natura bħad-WWF u l-Fondazzjoni tal-Baħar tat-Tramuntana poġġew lill-gambli kannella tal-Baħar tat-Tramuntana fil-kolonna l-ħadra tal-gwida tax-xiri tal-ħut tagħhom għall-istima tal-ħażniet, ladarba l-ispeċi mhix mhedda u hija relattivament insensittiva għall-isforz għas-sajd; iżda dawn l-NGOs huma mħassba dwar il-qabda inċidentali (b'mod partikolari tal-frieħ tal-ħut iċ-ċatt) u l-ħsarat ikkawżati f'qiegħ tal-baħar mix-xbieki tat-tkaxkir.

- ir-riforma tal-PKS u l-OKS li għadha għaddejja: l-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq għall-prodotti tas-sajd toffri xi għodod (l-organizzazzjonijiet tal-produtturi, l-organizzazzjonijiet interprofessjonali, il-mekkaniżmi tal-intervent, il-prezzijiet ta' gwida, ir-reġim kummerċjali), li wħud minnhom intużaw mill-partijiet interessati; uħud minn dawn l-istrumenti ftit kellhom effett jew ma ntużawx b'mod effettiv;

- l-Awtorità Olandiża għall-Kompetizzjoni (NMa) qieset il-ftehimiet dwar il-kwoti tal-ħut u l-prezzijiet minimi għall-gambli tal-Baħar tat-Tramuntana, kif ukoll il-ftehimiet biex jiġi eskluż kummerċjant ġdid, bħala li ma jaqgħux fil-qasam ta' applikazzjoni tar-regolament tal-OKS, u li kienu jikkostitwu ksur tal-Artikolu 81 tat-Trattat KE u tat-taqsima 6 tal-Att tal-Kompetizzjoni. L-NMa imponiet multi fuq organizzazzjonijiet tal-produtturi (POs) fit-tliet Stati Membri u fuq grossisti. Il-każ għadu ma ġiex solvut għalkollox.

## Għan

L-għan ta' dan l-istudju huwa li l-Membri tal-Kumitat għas-Sajd tal-PE jingħataw deskrizzjoni ċara tas-sajd għall-Gambli Kannella (*Crangon crangon*) tal-Baħar tat-Tramuntana u tas-swieq tagħhom fil-Pajjiżi l-Baxxi, fil-Ġermanja u fid-Danimarka.

L-istudju kien maħsub li jkun dokument ta' informazzjoni għall-Membri u huwa maqsum f'żewġ partijiet.

L-ewwel parti tiddeskrivi s-sajd, b'mod partikolari:

- l-evoluzzjoni tal-produzzjoni tal-gambli kannella tal-Baħar tat-Tramuntana skont il-pajjiż,
- ir-relevanza ekonomika u soċjali tal-industrija skont il-pajjiż,
- il-prestazzjoni ekonomika tal-flotot f'dan it-tip ta' sajd (u speċjalment il-flotot tax-xbieki tat-tkaxkir),
- l-impatt ambjentali tax-xbieki tat-tkaxkir għall-ħut tal-qiegħ fil- Baħar tat-Tramuntana,
- il-ġestjoni tas-sajd għall-gambli kannella.

It-tieni parti tiddeskrivi s-swieq u tipprovdi deskrizzjoni tal-applikazzjoni tal-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq għall-gambli kannella, inklużi:

- il-prezz u l-miżuri ta' intervent,
- l-impatt possibbli tas-sospensjoni awtonoma tat-tariffi doganali għal speċijiet oħrajn ta' gambli (*Pandalus borealis*),
- l-organizzazzjonijiet tal-produtturi,
- l-estensjoni tar-regoli,
- il-possibilitajiet ta' ħolqien ta' organizzazzjoni intersezzjonali.

It-tieni parti tiddeskrivi wkoll l-organizzazzjoni tal-industrija u l-proċeduri mnedija mill-NMa. Hija tipprovdi wkoll informazzjoni dwar l-istejtus u l-perspettivi għaċ-ċertifikazzjoni mill-MSC tal-gambli kannella tal-Baħar tat-Tramuntana.

## Riżultati

It-tliet Stati Membri li qegħdin jiġu eżaminati jirrappreżentaw 95% tat-total tal-produzzjoni Ewropea. Il-Pajjiżi l-Baxxi huma l-akbar produtturi (47% tal-produzzjoni totali tal-UE), u warajhom insibu lill-Ġermanja (38%) u d-Danimarka (9%).

Il-Pajjiżi l-Baxxi għandhom l-aktar bastimenti b'saħħithom li, barra minn hekk, jintużaw kontinwament għas-sajd, u jilħqu l-ogħla medja ta' żbarkar għal kull bastiment (105t fl-2010). Id-Danimarka għandha flotta effettiva ħafna minħabba li għandha l-aktar bastimenti moderni u skemi ta' sajd effettivi. Il-flotta Ġermaniża għandha sehem kbir ta' bastimenti li huma iżgħar fid-daqs u aktar antiki, bi skema staġjonali ta' sajd b'saħħitha, li tonqos fix-xitwa.

Il-gamblu kannella huwa fost il-ħames speċi li jinqabdu l-aktar (f'termini ta' valur) mill-flotot Olandiżi u Ġermaniżi. Il-bastimenti tas-sajd tat-tkaxkir bit-travu Olandiżi u Ġermaniżi, li jaqgħu fil-kategorija ta' bejn 12 u 24 metru tul, jiddependu totalment mid-dħul tal-gambli kannella, filwaqt li l-bastimenti tas-sajd tat-tkaxkir bit-travu Daniżi wkoll jiffukaw b'mod ewlieni fuq il-gambli kannella, iżda jaħdmu wkoll għall-il-ħut iċ-ċatt u għandhom l-għala li jaqilbu għas-sajd taċ-ċiċċirell.

Il-bastimenti Olandiżi u Ġermaniżi jitqassmu tul il-kosta kollha, u għandhom irwol importanti fit-turiżmu minħabba li jipprovdu xenarju pittoresk tal-port.

Fil-konfigurazzjoni preżenti tal-flotot (500 bastiment), is-sajd għall-gambli ma jistax jiġġenera profitt bi prezz tal-bejgħ inizjali tal-gambli taħt 2.75 ewro l-kilo (bl-ipoteżi li l-prezz tal-fjuwil ikun 0.60 €/kg). Bi flotta mnaqqsa ta' 375 bastiment, il-punt tal-fidi jintlaħaq meta l-prezz tal-gambli jkun 2.31 €/kg.

Il-ħażniet attwali huma kbar ħafna u ma jindikawx sajd żejjed.

Fil-qafas tal-proċess taċ-ċertifikazzjoni mill-MSC, fit-tliet Stati Membri ġew żviluppati pjanijiet ta' ġestjoni. Dawn għadhom ma ġewx iffinalizzati u għad hemm ċans li jsirulhom xi tibdiliet.

Il-kontroll minn żewġ kumpaniji Olandiżi, HEIPLOEG u KLAAS PUUL, tas-suq Ewropew jammonta għal aktar minn 80%, ladarba dawn jixtru madwar 30,000 tunnellata ta' gambli kannella fis-sena. Jidher li l-gambli kannella jikkostitwixxu attività li tiġġenera profitt għall-proċessuri.

Il-gambli kannella idumu 14-il ġurnata biex jaslu l-Marokk, fejn titneħħielhom il-qoxra ta' barra. L-użu frekwenti ta' preservattivi (l-aċidu benżojku, l-aċidu sorbiku) jiżgura li l-prodott finali jdum iservi.

Il-Belġju huwa s-suq tal-konsumaturi ewlieni (aktar minn nofs it-total tas-suq Ewropew għall-gambli kannella), u warajh insibu lill-Pajjiżi l-Baxxi u l-Ġermanja. Aktar minn 90% tas-suq huwa magħmul minn gambli mqaxxra. Is-suq ewlieni għal gambli mhux imqaxxra jinsab fi Franza, u warajha nsibu lill-Belġju.

## Konklużjonijiet

Fl-aħħar xhur is**-sitwazzjoni tas-suq tal-gambli kannella evidentement marret għall-agħar**. Il-prezz baxx tal-ħut (lingwata, barbun tat-tbajja', merluzz, barbun tal-għajn, …) fl-irkant ħeġġeġ lis-sajjieda jibdew jistadu għall-gambli minflok għall-ħut, u dan wassal għal produzzjoni żejda ta' gambli kannella u prezzijiet baxxi, iktar u iktar peress li dawn is-sajjieda għandhom il-liċenzja tas-sajd kemm għall-gambli kif ukoll għall-ħut, u b'hekk għandhom aktar ċans ta' qabda kbira. Fl-2010, uħud mill-azzjonijiet (imblokki tal-impjanti tal-proċessuri) urew li s-sajjieda huma mħassba dwar il-poter tal-proċessuri. L-għodda tal-OKS ma għenux biex jevitaw li s-sitwazzjoni tiħżien, u l-prezz imħallas lis-sajjieda fil-bidu tal-2011 wassal biex **ħafna mill-bastimenti tas-sajd għall-gambli ma jibqgħux profitabbli**.

Il-produzzjoni żejda għandha wkoll impatt negattiv fuq il-kwalità tal-prodott finali: kwantitajiet kbar ta' gambli kannella jiġu friżati u aktar tard maħruġa mill-friża u mħallta ma' gambli friski.

**L-applikazzjoni tal-OKS ftit li xejn kellha impatt** fuq is-suq tal-gambli kannella.
Is-sistema tal-prezz (il-prezz gwida, il-prezz ta' rtirar) ma evitatx li l-prezzijiet jaqgħu f'daqqa bejn l-aħħar tal-2010 u l-bidu tal-2011.

L-għodda ta' rtirar ftit li xejn intużat mill-POs involuti fis-sajd għall-gambli kannella, u kważi ntużat biss mill-PO Daniża. Fl-2009, l-irtitar irrappreżenta 0.66% tal-iżbarkar fil-livell tal-UE.

Ir-regolamenti li jiftħu u li jipprovdu għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Komunità għall-gambli tal-ilma kiesaħ (20,000 t/sena biż-0%) m'għandhom l-ebda impatt fuq is-settur tal-gambli kannella ladarba s-segmenti tas-suq għall-gambli *pandalus* u *crangon* huma pjuttost indipendenti.

Ir-rata ta' organizzazzjoni tas-sajjieda tal-gambli kannella hija pjuttost għolja (88% fil-livell tal-UE) iżda nuqqas ta' qbil bejn il-POs (fil-Ġermanja kif ukoll fil-Pajjiżi l-Baxxi) u l-biża' mill-NMa jillimitaw b'mod konsiderevoli l-azzjoni tal-POs.

Fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut, il-gambli kannella mibjugħa f'pakketti żgħar jilħqu livelli ta' prezzijiet li jippermettu li **n-negozji tal-proċessuri u tal-bejjiegħa bl-imnut jiġġeneraw profitti**. Għall-proċessuri ewlenin, il-gambli kannella jirrappreżentaw bejn 25 u 30% tal-attività totali, bil-bqija tkun attività li fil-parti l-kbira tagħha tirrigwarda lill-gambli tropikali, iżda l-gamblu kannella għalihom huwa l-prodott li joffri l-akbar possibilitajiet ta' marġni.

**Il-ħażna tal-gambli kannella tibqa' fi stat tajjeb**, kif rikonoxxut mill-NGOs li jiffukaw il-kritika tagħhom fuq il-qabdiet inċidentali u fuq it-tekniki tas-sajd permezz tat-"tkaxkir mal-qiegħ". Il-livell ta' qbid f'dawn l-aħħar snin (madwar 35,000 t) ma jipperikolax il-ħażna.

Is-soluzzjonijiet ewlenin ikkunsidrati minn organizzazzjonijiet tas-sajjieda sabiex joħorġu mill-kriżi ekonomika huma ċ-ċertifikazzjoni mill-MSC u t-TAC u s-sistema ta' kwota.

Pjanijiet ta' ġestjoni qed jiġu żviluppati fit-tliet Stati Membri li qed jiġu eżaminati, iżda minħabba li s-sajjieda kollha jew tal-anqas ħafna minnhom għandhom jaqgħu taħt skemi simili, mhu se jkun hemm l-ebda divrenzjar tal-prodott fis-suq u għalhekk żieda fil-prezz marbuta mat-tikketta/ditta hija dubjuża. Iżda t-tikketta għandha tiggarantixxi l-aċċess għas-suq fil-futur imbiegħed ladarba l-bejjiegħa bl-imnut il-kbar qed jippjanaw li jneħħu l-prodotti tas-sajd mingħajr it-tikketta tal-MSC mil-lista fi żmien qasir/medju. Fil-Pajjiżi l-Baxxi, it-tiġdid tal-liċenzji għas-sajd tal-gambli maħruġa mill-Ministeru se jkun marbut mal-pussess ta' ċertifikazzjoni mill-MSC.

Għandu jkun faċli li tinqabad l-istess kwantità ta' gambli bi flotta li tkun 25% anqas fid-daqs.

## Rakkomandazzjonijiet

**Il-livelli ta' tfigħ lura ta' gambli kannella jista' jitnaqqas** b'diversi metodi:

- L-aġġustament tad-daqsijiet tax-xbieki għad-daqsijiet kummerċjali tal-gambli kannella, jiġifieri ħafna usa' mis-16-il mm legalment aċċettabbli, possibilment bejn 22 u 24 mm.
- Is-sostituzzjoni tax-xbieki tal-malji djamant tradizzjonali bi xbieki tal-malji kwadri fit-tarf tax-xibka.
  Ix-xbieki tal-malji kwadri jnaqqsu l-qabdiet inċidentali tal-ħut żgħir tond (mazzun, gadojd, perlan, …) u jistgħu jgħinu biex jitnaqqas in-numru ta' lingwata li jinqabad fix-xbieki tal-malji djamant.
- L-użu frekwenti ta' xbieki li jisseparaw (anqas eżenzjonijiet jew xejn).
- Is-sopravivenza tal-gambli li jintefgħu lura tista' titjieb.
- L-iskartar ta' livelli baxxi ta' ilma (eż. minn 0 sa 3metri).
- It-tnaqqis tal-isforz għas-sajd minn Ġunju sa Awwissu.

Għaddej dibattitu dwar **il-kwistjoni tat-TAC** bejn is-sajjieda u l-POs u **dan għandu jitkompla b'iktar reqqa**. B'mod partikolari, nirrakkomandaw li l-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi jiġu studjati fid-dettall.

Id-diffikultajiet ekonomiċi tas-settur huma marbuta mal-livell tal-prezz imħallas lis-sajjieda, li f'dan l-aħħar perjodu ma ppermettiex li l-attività tas-sajd tal-gambli tiġġenera profitt, u mad-daqs tal-flotta, li huwa kkunsidrat kbir wisq, speċjalment fil-Pajjiżi l-Baxxi, fejn ħafna miż-żoni tas-sajd jeħtieġu jkunu konformi mal-prinċipji tan-

Natura 2000. **Bi tnaqqis ta' 25% fid-daqs tal-flotta**, il-prezz tal-bejgħ inizjali neċessarju biex jintlaħaq livell ta' profitt għas-sajjieda għandu jkun ta' 43 ewroċenteżmu anqas.

**Fir-rigward tal-kwalità tal-gambli** li jinqabdu **għad hemm lok għal titjib** (l-iġjene abbord il-bastiment, titjib fil-ħin ideali għas-sajran, l-użu ta' xaħmijiet li jistgħu jittieklu, …) u l-proċessur ewlieni beda jħallas pagamenti relatati mal-kwalità (b'żieda ta' 0.50 ewro/kg għall-aqwa kwalità). L-**iżvilupp ta' kodiċi ta' kondotta sempliċi għas-sajjieda** għandu jkun mod tajjeb kif jiġu żgurati prezzijiet aħjar.

**Il-proċessi taċ-ċertifikazzjoni mill-MSC li għaddejjin bħalissa għandhom jitlestew** matul l-2011 jew fil-bidu tal-2012 u għandhom jipprovdu sens ta' stabilità fost l-atturi downstream tas-settur.